

IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Marzu 2022 – *Martinair Holland vs Il-Kummissjoni*

(Kawża T-323/17) ⁽¹⁾

(“Kompetizzjoni – Akkordji – Suq tal-merkanzija bl-ajru – Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 101 TFUE, tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u tal-Artikolu 8 tal-Ftehim bejn il-Komunità u l-Isvizzera fuq it-trasport bl-ajru – Koordinazzjoni ta' elementi tal-prezz tas-servizzi ta' merkanzija bl-ajru (soprataxxa tal-fjuwil, soprataxxa tas-sigurtà, ħlas ta' kummissjoni fuq is-soprataxxi) – Skambju ta' informazzjoni – Kompetenza tal-Kummissjoni – Ksur uniku u kontinwu – Ugwaljanza fit-trattament – Obbligu ta' motivazzjoni”)

(2022/C 207/30)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: *Martinair Holland NV* (Haarlemmermeer, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentant: M. Smeets, avukat)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Dawes u C. Vollrath, aġenti, assistiti minn B. Doherty, barrister)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2017) 1742 finali, tas-17 ta' Marzu 2017 li tirrigwarda proċediment skont l-Artikolu 101 TFUE, l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE u l-Artikolu 8 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar it-Trasport bl-Ajru (Kawża AT.39258 – Trasport bl-ajru), sa fejn tirrigwarda lir-rikorrenti.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbat i terz tal-ispejjeż tagħha.
- 3) *Martinair Holland NV* għandha tbat i ispejjeż tagħha stess kif ukoll żewġ terzi tal-ispejjeż tal-Kummissjoni.

⁽¹⁾ ĠU C 239, 24.7.2017.